# AKTAR MINN 400 SENA F'ARKIVJI

L-Arkivju Nazzjonali twieled 42 sena ilu biss. Madankollu jista' jiftaħar li għandu miġbura d-dokumenti kollha ċivili sa mill-1530. Ħafna ma jarawx wisq differenza bejn il-Bibljoteka u l-Arkivju Nazzjonali. Għalhekk illum intervistajt lil Dr. Charles Farrugia, l-Arkivista Nazzjonali u Kap Eżekuttiv, li tani bosta tagħrif.

Minn Charles B. Spiteri



Id-donazzjoni tad-dokumenti ta' Sir Anthony Mamo

**"Is-sabiħ tal-arkivji hu li kull arkivju fid-dinja jwennes dokumenti differenti għax uniċi**



Taħriġ lil uffiċjali tal-Gvern mill-Konservaturi tagħna

**Kif jafu l-bidu tagħhom l-Arkivji Nazzjonali u x'kien li ntgħażel dak magħruf bħal l-Isptar Santu Spirtu?**

Bħala Arkivji Nazzjonali jmorru lura għall-1972. Dak iż-żmien kien hemm proġett tal-Gvern li jitwaqqaf Arkivju Nazzjonali. Ħafna drabi, it-terminoloġija li kienu jużaw kien ta' Arkivju Ċentrali tal-Gvern u kienu għażlu Casa Leone f'Santa Venera.

L-idea dak iż-żmien kienet li jkun hemm bħal Dipartiment, taħt il-Perit Michael Ellul li kien il-Kap tat-Taqsima tal-Antikità fix-Xogħlijiet Pubbliċi. Iżda l-kunċett kien totalment differenti, għax kienu jqisu l-Arkivju bħala Antikitajiet, mentri llum inħarsu lejh b'dimensjoni akbar u ta' tagħlim.

Il-Perit Ellul kien għażel lil Joe Caruana, li kien il-predeċessur tiegħi hawnhekk. Kienu bdew jiġbru d-dokumenti tal-Gvern mid-dipartimenti. Xi sentejn wara tneħħew minn Casa Leone u ttieħdu l-Palazz il-Belt. Dan ġara peress li waqt li wasal trakk bil-files tas-snin 50 tal-Gvern, xi ħaddiema bdew iħottuhom fl-art. Fl-istess waqt inzerta għaddej il-Prim Ministru Mintoff, li ġiegħel lis-sewwieq iwaqqaflu, niżel jara x'kienu u kif sab dawk id-dokumenti esiġa li mill-għada, l-Arkivju jittrasferixxi ruħu fil-Palazz il-Belt. Hemm dam mill-1974 u sal-1989.

Mill-1972 sal-1989 l-Arkivju tmexxa minn Joe Caruana waħdu, jikkataloga u joffri s-servizz tar-riċerka. Jiġifieri llum il-ġurnata lanqas toħlomha li jkollok bniedem wieħed imexxi dipartiment sħiħ. Wara l-1987 is-settur mexa minn taħt il-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi għal taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni u bdiet ir-riforma fejn saret l-ewwel liġi tal-Arkivji fl-1990 u ngħatajna l-binjiet li għandna llum: Santu Spirtu, il-Banca Giuratale l-Imdina u taqsima fi Triq Vajringa, Għawdex.

**Tista' tagħtina xi ħjiel fuq dan l-Isptar? Dan kien bini tal-Gvern?**

Iva, interessanti għaliex ingħażel dan l-isptar. Dak iż-żmien qisu li l-kriterju li kien qed ifittex il-Gvern kien post kbir, u dan hu post kbir. Beda r-restawr tiegħu fl-1986 iżda ma kienx ċert għal xiex se jintuża. Kien hemm xi ideat: li jsir Mużew tal-Mediċina, inkella dar tal-anzjani kif xtaqu r-Rabtin, iżda wara l-1987 kien deċiż li jsir Arkivju Nazzjonali.

Kien proprjetà tal-Gvern ħafna qabel. Fil-fatt, dan hu wieħed mill-eqdem sptarijiet fl-Ewropa. Hu dokumentat bħala sptar sa mis-Seklu 14 u għamel 'il fuq minn 600 sena jintuża bħala sptar. Dan it-tagħrif instab fl-Arkivju ta' Palermo, fejn hemm li għadda għand il-Franġiskani u li qabel ma ssemma Santo Spirito kien Ospedale San Francesco. Aktar tard ġie ssekwestrat u nazzjonalizzat wara li l-gvern akkuża lill-Franġiskani b'amministrazzjoni ħażina.

**Id-diġitalizzazzjoni u l-Arkivju kemm jimxu id f'id u x'jista' wieħed isib fuq il-kompjuter?**

Illum, fid-dinja ċivilizzata ddaħħlu d-diġitalizzazzjoni u l-kompjuters fl-operat. Issa, meta nitkellmu fuq l-Arkivju Nazzjonali; li għandu jiddistingwih minn arkivji oħra hu li hu mwaqqaf b'liġi tal-Gvern. B'hekk għandu l-bażi legali. Barra minn dan, l-iskop għalih hu li d-dokumentazzjoni li joħloq il-Gvern, fid-Dipartimenti u fl-entitajiet tiegħu, jiġifieri d-dokumenti li jingħażlu biex jinżammu, jispiċċaw fl-Arkivju. Dan ifisser li tkun trid post li l-ħin kollu qed jespandi.

Parti mid-dokumenti li għandna qed tkun diġitalizzata, iżda aħna ma nħarsux lejn id-diġitalizzazzjoni bħala mod se ssolvielna l-problema ta' spazju, għax ġeneralment il-materjal li jiġi hu tant ta' valur storiku, li anki jekk ikollok kopja diġitali, tibqa' żżomm l-oriġinal.

Sar ħafna xogħol ta' diġitalizzazzjoni. Nikkalkulaw li s'issa għandna madwar tmien mitt miljun immaġni ta' dokumenti, iżda għalkemm iċ-ċifra tinstema' kbira, fir-realtà dawk jirrappreżentaw ftit kollezzjonijiet mill-ħafna li għandna. Pereżempju għandna l-kollezzjoni tad-Dwana: il-Passengers' List – b'kull min daħal u ħareġ Malta, mill-1800 sal-lum. Minn dawn, għandna diġitalizzati sas-sittinijiet; madwar 6,000 volum, li 'l quddiem il-pubbliku jkun jista' jaċċessahom mill-format diġitali.

**X'użu jkollha d-diġitalizzazzjoni?**

Hemm żewġ vantaġġi: waħda l-preservazzjoni u l-oħra l-aċċessibbiltà. Preservazzjoni għax meta tagħti l-volum hemm ikollok ċertu strapazz fuq id-dokument. Ċerti volumi qajla ninkwetaw għax rarament jintużaw, iżda fuq l-oħrajn issir il-ħsara. Tassew għandna min jikkonserva, iżda l-konservazzjoni tiswiena ħafna flus, speċjalment fejn jidħlu d-dokumenti l-aktar qodma. Allura niddiġitalizzaw u nikkonservaw ukoll. Terġa' d-diġitalizzazzjoni tiffranka lil dak li jkun li jrid joqgħod iżur l-arkivju inkwistjoni.

**Xi nsibu fil-Banca Giuratale li ma nsibux hawn?**

Hemmhekk insibu d-dokumentazzjoni legali, għax kienet qorti u l-idea kienet li d-dokumenti tal-qrati kollha jinġabru hemm. Fil-fatt, insibu dokumenti tal-Qrati Ċivili mill-1530 sal-1900 jew mill-miġja tal-Kavallieri, meta kien hemm: il-Qorti Ċivili, tal-Isqof u tal-Inkwiżitur. Ir-raġuni għala jieqfu sal-1900 hi waħda loġistika, għax bħal fit-taqsimiet l-oħra kollha tal-Arkivji Nazzjonali m'hemmx aktar spazju.

**Taraw li jkollkom post wieħed kbir?**

Ilna 15-il sena nagħmlu pressjoni qawwija mal-Gvernijiet. Nafu li rridu kilometru ta' spazju kull sena. Barra minn hekk il-bini preżenti, għalkemm binjiet ta' storja u sbieħ, huma antiki u mhux faċli tikkonvertihom għall-ħtiġiet tal-lum, l-aktar fejn tidħol garanzija ta' livelli ta' temperatura u umidità stabbli li jrid ikollhom. Il-post li nixtiequ li jkollna hu mwiegħed fil-Programm Elettorali tal-Gvern preżenti u għaddejjin b'ħafna diskussjonijiet.

**Bħala rekords Maltin, x'jista' wieħed isib hawn li ma jsibx fil-Bibljoteka?**

Id-differenza bejn il-Bibljoteka u l-Arkivji hi sempliċi. Il-Bibljoteka għandha l-iskop li tieħu ħsieb dak kollu ppubblikat mill-pajjiż... kotba, gazzetti, CD's. L-Arkivju Nazzjonali jiffoka fuq id-dokumentazzjoni pubblika. Hu minnu li fil-Bibljoteka hemm l-Arkivji tal-Kavallieri iżda dik hi minħabba raġuni storika, li hi, li mexa minn ħafna Dipartimenti u fl-1937 kien depożitat fil-Bibljoteka Nazzjonali. Iżda l-iskop tal-Bibljoteka Nazzjonali mhux primarjament l-Arkivju tal-Ordni.

Fl-Arkivju Nazzjonali l-fokus tagħna hi dokumentazzjoni pubblika. Nibdew mill-perjodu tal-Kavallieri fejn jidħlu l-Qrati Ċivili, għal dak li għandu x'jaqsam ma' dokumenti fil-Banca Giuratale. Fl-uffiċċju ċentrali fir-Rabat għandna ħafna materjal mill-perjodu Ingliż 'l hawn, minħabba li l-Arkivju tal-Ordni qiegħed fil-Bibljoteka. Mela, li ssib hawn mhux se ssibu fil-Bibljoteka.

**Jissemmew ukoll il-Friends of the National Archives. X'jagħmlu?**

Din organizzazzjoni volontarja li waqqafnieha fis-sena 2000, bl-għajnuna fost l-oħrajn ta' Hella Jean Bartolo, Alla jaħfrilha, biex tgħin fil-missjoni tal-Arkivju. Kontra dak li ma stajniex nagħmlu aħna, l-għaqda setgħet torganizza attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Barra minn hekk għamlu ħafna ħidma ta' lobbying għas-settur, bħal biex għaddiet il-liġi ġdida tal-2005. Illum qed jaħdmu aktar fuq pubblikazzjonijiet, bħas-sett li għadu kif ħareġ tal-għanjiet ta' Manwel Cilia, tal-1930. Sett komplut fuq CDs u vinyl.

**Bħala dokument l-aktar prezzjuż fl-Arkivju, liema hu?**

Hemm żewġ elementi. Għandna materjal tal-perjodu Ingliż, li huma l-Letters Patent, meta ngħatajna kostituzzjoni jew ir-revoka tagħha, jew jinħatar l-Avukat Ġenerali, fejn kienet tasal parċmina ta' daqs kbir, dekorata u bis-siġill ta' xi ħames pulzieri dijametru, tar-Re Ġorġ jew tar-Reġina Vittorja. Dawk sbieħ mill-aspett kif inhuma maħdumin u fihom dak il-preġju intrinsiku. Imbagħad mill-aspett ta' preġju nazzjonali tagħna għandna ħafna dokumenti, bħall-inkjesti tas-Sette Giugno, jew il-komunikazzjoni kollha fuq l-edukazzjoni li għamel il-Kanonku Pullicino. Jiġifieri l-operat kollu tal-Gvern qiegħed hawnhekk.

Aspett ieħor importanti u li hu għal qalbi ferm hu l-proġett 'Memorja' li jikkonsisti f'intervisti ma' nies komuni li taw servizz lill-pajjiż, bħal xufiera tal-linja, kundutturi u min kien jibni l-karozzi. Lil dawn qed nintervistawhom aħna stess. Bħal din it-tema hemm ħamsa oħra li bħalissa qed naħdmu fuqom.

**Mela l-Arkivju jiġbor ħwejjeġ li mhumiex attwalment tal-Gvern?**

Kull Arkivju Nazzjonali jitlaq minn dak l-aspett iżda mbagħad jiftaħ xi ftit. L-aħħar żewġ akkwisti privati li għamilna u li għandhom importanza nazzjonali huma l-karti privati tal-Perit Mintoff u l-karti privati ta' Sir Anthony Mamo. Min-naħa, dan hu riżultat tal-fiduċja li bnejna fl-istituzzjoni li qed immexxu.

**Kemm tħoss li l-Maltin jagħmlu użu mill-Arkivju Nazzjonali minħabba l-fatt li hu barra l-Belt Valletta?**

Illum ma naħsibx li għadha problema. Jien rajt it-tranżizzjoni mill-Belt għal hawn u niftakar li meta tlajna r-Rabat, kellna reżistenza kbira. Sa kellna kritika fil-gazzetti mir-riċerkaturi, li bdew jgħidu li se noqtlu l-Arkivju għax se nċaqilquh mill-Belt.

Meta wieħed iħares lura u jara kif żviluppaw l-affarijiet, iktar u iktar meta fil-Belt bdiet tikber il-problema ta' pparkjar u saret problematika iktar mir-Rabat, naħseb li r-resistenza ngħelbet. Illum nista' ngħidlek li kull sena naraw żieda kostanti fil-Maltin u barranin li jiġu jirriċerkaw fl-Arkivju Nazzjonali.

Terġa' s-settur arkivistiku hu mifrux ħafna. Pereżempju l-Arkivji Notarili u l-Arkivji tar-Reġistru Pubbliku mhumiex parti mill-Arkivji Nazzjonali. Mela, kieku wieħed kellu jagħmel tiftix fuq kemm għandek nies jirriċerkaw f'jum wieħed, isib li hemm numru ta' nies li qed jirriċerkaw fl-Arkivji Notarili l-Belt; għandek oħrajn li qed jirriċerkaw fl-Arkivji tal-Katidral tal-Imdina; hemm min qed jirriċerka fl-Arkivji tal-Kurja. Ngħidlek ukoll li hawn mat-80 arkivju parrokkjali.

**Tara li xi darba dawn l-arkivji kollha jaqgħu taħt arkivju wieħed?**

Illum il-ġurnata m'għadhiex daqshekk prijoritarja, fis-sens li pereżempju fl-Arkivji Notarili qed isir xogħol tajjeb ħafna u d-direzzjoni hi li dawn joperaw mill-post tagħhom fil-Belt. L-Arkivji tar-Reġistru Pubbliku wieħed għad irid jara. Hemm bżonn li tittieħed kura aħjar. Jekk naslu, u jien fiduċjuż li naslu, biex ikollna dan il-bini wieħed, hemm arkivji li jistgħu jingħaqdu mal-Arkivji Nazzjonali, mhux neċessarjament fiżikament però, jew b'mod intellettwali jew amministrattiv.

**Meta niġu għad-dokumenti: x'servizz toffru lir-riċerkaturi u tħalluhom jiġbdu ritratti mingħajr ħlas?**

Bħala servizzi lir-riċerkaturi aħna noffru s-servizzi kollhu li joffri kull Arkivju Nazzjonali. Jiġifieri t-tliet swali tar-riċerka tagħna; tar-Rabat, tal-Imdina u ta' Għawdex, niftħu l-ġimgħa kollha. Hawn, jiġifieri r-Rabat u Għawdex noffru s-servizz sitt ijiem fil-ġimgħa. Min irid jara l-ħinijiet jista' jidħol fis-sit elettroniku tagħna. Jistgħu jiġu nies minn kull nazzjonalità. Kulma jkun irid dak li jkun hu dokument ta' identifikazzjoni u jitħalla jagħmel ir-riċerka.

Sa sena ilu ma konniex inħallu lir-riċerkatur jieħu kopja hu, iżda mbagħad qbilna fuq hekk u bdejna nħallu lil dak li jkun jagħmel il-kopji tiegħu hu stess. Illum ngħid li kien pass għaqli, għax tana ħafna viżibbiltà u ffaċilita ħafna l-ħajja tar-riċerkatur. Jiġifieri llum, sakemm id-dokument ma jkunx xi volum li jkollu ħafna ħsarat, wieħed jista' jaqbad, juża l-kamera diġitali jew il-mowbajl tiegħu u jiġbed ir-ritratti bla ebda restrizzjoni. Għal min ikun irid li nagħmlu l-kopji aħna, hemm ħlas minimu u jistgħu jsiru wkoll kopji diġitali.



**Bħala servizz online, kif taqbad l-Arkivju?**

Online għandna s-servizz tal-customer care, li permezz ta' email fuq customercare.archives@gov.mt u nissuġġerixxu ħafna li jekk xi ħadd ġej jirriċerka għall-ewwel darba, tajjeb li qabel ma jiġi, jara s-sit elettroniku, u jiktbilna fuq l-indirizz tal-customer care u jgħidilna x'tip ta' dokument ikun irid għar-riċerka tiegħu, għax għad hemm ħafna materjal li għadu ma wasalx għandna.

Aħna dejjem inwieġbu u jekk tkun riċerka fejn lil dak li jkun nistgħu ngħinuh, ħafna drabi nagħtuh aktar direzzjoni u dettalji.

**Issa fl-Arkivju t'hawn u dak t'Għawdex, issib l-istess affarijiet?**

Le. Is-sabiħ tal-arkivji hu li kull arkivju fid-dinja jwennes dokumenti differenti għax uniċi. Issa Għawdex għandna sitwazzjoni interessanti, għax l-iskop tal-Arkivju t'Għawdex kien li d-dokumenti li l-Gvern joħloq f'Għawdex, jibqgħu Għawdex. Iżda meta tmur għad-dokumentazzjoni storika għandna realtà li f'Għawdex kien hemm perjodi, li jmorru lura anki għal Żmien il-Kavallieri, meta diġà kellu ċertu livell ta' awtonomija. Pereżempju f'Għawdex għandna d-dokumenti famużi; naħseb li huma wkoll l-aktar prestiġjużi, tal-Universitas Gaudisii (1560-1819). Din kienet università amministrattiva bħalma kellha Malta fl-Imdina. Għahekk hemm, ir-riċerkatur jista' jsib li jixtieq fuq Għawdex mill-Arkivju t'hemm, għax id-dokumentazzjoni qiegħda kollha hemmhekk.

Hemm ukoll il-kawżi l-antiki tal-Qrati t'Għawdex, li wkoll huma miżmuma hemm. Imbagħad fil-perjodu Ingliż, dak il-livell ta' awtonomija ġie rtirat u ġabu t-tmexxija f'Malta. Imbagħad il-proċess jerġa' jibda wara l-1987, mal-li twaqqaf il-Ministeru ta' Għawdex u reġgħet saret id-deċentralizzazzjoni. Jiġifieri dak kollu li nħoloq mill-Ministeru ta' Għawdex ġie depożitat mill-ewwel fit-taqsima t'Għawdex.

Minbarra dan, f'Għawdex għandna ġojjell li ngħata mis-Sur Franco Masini. Din hi Ġuljana li minnha wieħed jista jibni l-arblu tar-razza ta' diversi persuni u familji.

**Nerġa' nistaqsi: x'inhi d-differenza enormi bejn Librerija Nazzjonali u Arkivji?**

Din tajjeb li nerġgħu ntennuha. Il-Librerija qiegħda għall-materjal ippubblikat. F'Malta għandna l-konfużjoni minħabba li l-Arkivju Nazzjonali twieled tard. Kien minħabba f'hekk biss li l-Arkivju tal-Kavallieri spiċċa fil-Bibljoteka. Fil-fatt, f'dik il-famuża sala tal-Bibljoteka, m'hemm xejn arkivistiku. Dawk huma l-kotba tal-kollezzjonijiet privati tal-Kavallieri, għax huma kellhom il-vot tal-povertà, li kien ifisser li meta jmut Kavallier irid jagħti kollox lill-Ordni. Fost dawn l-affarijiet insibu l-ġabra ta' kotba li hemm fil-Bibljoteka, li wħud minnhom huma prezzjużi ferm, għax huma rari.

**Mela jista' jingħad li oġġett ippubblikat, postu hu f'Librerija, waqt li oġġett mhux ippubblikat, għandu jsib ruħu f'Arkivju.**

Prosit. Dik hi d-differenza ewlenija.